**22 ta' April, 1965**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Maria armla minn Carmelo Olivieri

*versus*

Avukat Dr. Victor Caruana Colombo et noe, et.

**Kuraturi "de jure" ta' Eredità — Kuraturi Nominati biex Jipprezentaw Eredità Ġjaċenti — Terminu ta' l-Eredi għall-Formazzjoni ta' l-Inventarju u għall-Aċċettazzjoni tal-Wirt — Art. 871, 900, 922, 923, 924, 925, 927 Kod. Ċivili — Art. 928, 790 Kod. Proċ. Ċivili.**

*F'każ ta' azzjoni kontra eredità, l-istess azzjoni għandha ssir kontra s-suċċessibili li huwa meqjuż bħala l-kuratur "de jure" tal-wirt battal fiż-żmien lilu mogħti sabiex jagħmel l-inventarju u jaħsibha jekk jaċċettax il-wirt jew le, u m'għandhiex tssir in-nomina ta' kuraturi oħrajn floku f'dan il-perijodu.*

*Il-perijodu għall-formazzjoni ta' l-inventarju u d-dikjarazzjoni ta' l-aċċettazzjoni o meno ta' l-eredità jiddependi minn tlett ipoteżijiet u ċjoè, il-każ ta' l-eredi li jkollu l-pussess tal-wirt, il-każ ta' l-eredi li ma jkollux il-pussess tal-wirt iżda li ssir kontra tiegħu talba ġudizzjarja u l-każ ta' eredi bla pussess tal-wirt u li kontra tiegħu ma saret l-ebda talba ġudizzjarja.*

Il-Qorti rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi fis-6 ta' Ġunju, 1964 (Dok. B) miet bla testment l-imsemmi Carmelo Olivieri, żewġ l-attriċi;

Peress illi ftit qabel ma miet l-imsemmi Carmelo Olivieri flimkien mal-konvenuta Marianna armla Spiteri għamlu kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona tal-24 ta' Mejju, 1964 (Dok: C) li bih Carmelo Olivieri kkostitwixxa ruħu debitur ta' l-imsemmija konvenuta Marianna Spiteri fis-somma ta' elf lira (£1,000) għall-flus avanzati lilu u għal serviġi reżi lilu;

Peress illi akkont ta' l-istess allegat debitu l-imsemmi Carmelo Olivieri ħallas lill-konvenuta Marianna Spiteri s-somma ta' seba' mija u seba' liri u sold (£707. 0. 1);

Peress illi dak il-kuntratt fuq imsemmi kien simulat u fittizju u intis unikament biex jiġu preġudikati u elużi sija d-drittijiet ta' l-attriċi fuq l-assi soċjali konjugali ta' bejnha u bejn l-imsemmi żewġha u sija anke d-drittijiet tagħha fil-wirt ta' l-istess żewġha, u dana peress illi ebda debitu ma kellu Carmelo Olivieri lejn il-konvenuta Marianna Spiteri u jekk qatt irrendietlu xi serviġi jew xi assistenzi dana kien illi huma kienu konkubinati flimkien u għalhekk ma kien hemm ebda obligazzjoni valida;

Peress illi għalhekk kull pagament li sar lill-konvenuta Marianna Spiteri sar bla causa jew għal causa illeċita;

U peress illi l-attriċi trid il-likwidazzjoni ta' l-assi soċjali konjugali ta' bejnha u bejn żewġha l-imsemmi Carmelo Olivieri u ta' l-assi ereditarji ta' l-istess żewġha Carmelo Olivieri — talbet li l-kostituzzjoni ta' debitu li saret mill-imsemmi Carmelo Olivieri favur il-konvenuta Marianna Spiteri fl-atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona tal-24 ta' Mejju, 1964, tiġi dikjarata nulla, simulata u fittizja u magħmula biex teludi d-drittijiet ta' l-attriċi għar-raġunijiet fuq indikati u konsegwentement jiġi dikjarat illi kull pagament li għamel l-istess Carmelo Olivieri akkont ta' l-imsemmi allegat debitu sar bla causa jew għal causa illeċita u in frode tad-drittijiet ta' l-attriċi; (2) jiġi likwidat minn din il-Qorti l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ġja esiżtenti bejn l-attriċi u l-istess Carmelo Olivieri billi l-istess assi jiġi dikjarat jikkonsisti fis-sostanzi li jirriżultaw fil-kawża u billi għall-finijiet ta' din il-likwidazzjoni jiġi inkluż ukoll u kunsidrat ma' l-attiv il-kreditu kontra l-konvenuta Marianna Spiteri għar-rifużżjoni tas-somma fuq imsemmija ta' seba' mija u seba' liri u sold (£707. 0. 1) imħallsa lilha bla causa jew għal causa illeċita mill-imsemmi Carmelo Olivieri — salv kull prelevament talvolta spettanti lirraġel jew lill-mara u skond il-liġi (3) l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata jiġi diviż f'żewġ porzjonijiet indaqs

biex waħda tiġi assenjata lill-attriċi u l-oħra lill-eredità ta' żewġha Carmelo Olivieri; u (4) billi jiġi likwidat l-assi partikolari ta' l-imsemmi Carmelo Olivieri billi jiġi dikjarat jikkonsisti f'nofs l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti u fis-sostanzi l-oħra li jirriżultaw inkluż l-intier jew il-parti ta' l-imsemmi kreditu kontra l-konvenuta Marianna Spiteri riżultanti dovut lill-assi ta' l-istess Carmelo Olivieri; (5) jiġi nominat Nutar biex jirċevi l-att meħtieġ u kuratur għall-kontumaċi; (6) il-konvenuta Marianna Spiteri tiġi kkundannata tħallas lill-kuratur ta' l-eredità ta' Carmelo Olivieri u/jew lill-attriċi, skond u fil-proporzjon li tirriżulta li hija dovuta jew ripartibbli mill-likwidazzjoni mitluba fid-domandi preċedenti, s-somma ta' seba' mija u seba' liri u sold (£707. 0. 1) fuq imsemmija mħallsa lilha mill-imsemmi Carmelo Olivieri bla causa jew għal causa illeċita u in frode għad-drittijiet ta' l-eredi ta' Carmelo Olivieri u ta' l-attriċi, bl-imgħax legali bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u kompriżi wkoll l-ispejjeż tal-mandat ta' l-impediment tal-partenza tad-9 ta' Lulju, 1964.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u n-nota tax-xhieda tagħha, kif ukoll id-dokumenti prodotti maċ-ċitazzjoni sal-fol: 18 tal-proċess.

OMISSIS;

Rat a fol: 22 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-imsemmija kuraturi deputati fejn qalu li huma mhumiex edotti mill-fatti u rriservaw l-eċċezzjonijiet tagħhom;

Rat a fol: 21 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Marianna Spiteri fejn eċċepiet:—

a) in-nullità tan-nomina tal-kuraturi għall-eredità ta' Carmelo Olivieri;

b) illi l-imsemmi ammont ta' £707 ma jappartjeniex lill-komunjoni ta' l-akkwisti imma lill-assi partikolari ta' Carmelo Olivieri;

c) illi l-imsemmija komunjoni ta' l-akkwisti hija passiva;

d) illi l-attriċi ma wriet ebda interess fl-assi ereditarji ta' Carmelo Olivieri u għalhekk ma tistax titlob il-likwidazzjoni tiegħu;

e) illi jekk Carmelo Olivieri ppreġudika lill-attriċi b'xi att tiegħu waqt l-eżistenza tal-komunjoni, l-attriċi għandha biss azzjoni kontra l-assi tiegħu u kontra l-eredi tiegħu, imma mhux kontra terzi;

f) illi jekk l-attriċi qegħda tallega simulazzjoni għandha tgħid jekk hijiex qegħda tallega simulazzjoni assoluta jew relattiva; salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-konvenuti kollha;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar, 1965;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta tas-17 ta' Frar, 1965 l-attriċi u l-konvenuta Spiteri qablu li Carmelo Olivieri ħalla superstiti żewġ ulieđu li huma t-tnejn assenti minn Malta, kif kienu mill-bidu tal-kawża u li għall-mument il-Qorti għandha tissofferma ruħha fuq l-eċċezzjonijiet preliminari dwar il-validità tan-nomina tal-kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Carmelo Olivieri;

Illi skond il-liġi s-suċċessibili huwa kuratur "de jure" tal-wirt battal fiż-żmien lilu mogħti sabiex jagħmel l-inventarju u jaħsibha jekk jaċċettax jew le, u m'għandhiex issir in-nomina ta' kuraturi oħrajn floku f'dan il-perijodu (Art. 927. 944 Kod. Ċiv. u 928 Kod. Proċ. Ċiv.: vide sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re **Dr. Joseph Ellul noe. vs Joseph G. Coleiro, 24 ta' April, 1964**).

Illi, għalhekk, peress li l-partijiet jaqblu li d-decujus ħalla Spiteri dwar in-nullità tan-nomina ta' l-Avukat Dottor Victor Caruana Colombo u l-Prokuratur Legali Joseph Gatt bħala kuraturi biex jirrappreżentaw lill-eredità ġjaċenti ta' Carmelo Olivieri tidher fondata, salva l-prova li s-suċċessibili għandhom fiż-żmien biex jagħmlu l-inventarju u jiddeliberaw u salva wkoll il-konsiderazzjoni taż-żewġ argumenti imressqa mid-difensur ta' l-attriċi biex jikkombatti dik l-eċċezzjoni;

Illi dwar l-ewwel punt fuq imsemmi, ċjoè jekk it-terminu biex it-tfal u suċċessibili ta' Carmelo Olivieri (li, kif tammetti l-attriċi, miet intestat) jagħmlu l-inventarju u jaħsbuha dwar l-aċċettazzjoni ta' l-eredità, għandu jiġi fl-ewwel lok osservat li huwa miet fis-6 ta' Ġunju, 1964, u għalhekk is-suċċessjoni tiegħu infetħet dik inhar (art. 871 Kod. Ċiv.). Issa għal dak li jirrigwarda l-perijodu utili għall-formazzjoni tal-inventarju u għad-dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni o meno ta' l-eredità, il-liġi ta' Malta fl-art. 922 sal-926 tal-kodiċi Ċivili tiddistingwi tlett ipotesijiet, li jikkorrispondu eżattament għal dawk previsti fl-art. 959 sal-963 tal-Kodiċi Taljan tal-1865.

Dawn huma:

(a) l-eredi li jkun fil-pussess attwali (i.e., reali u mhux sempliċement legali li jgħaddi bi dritt mid-defunt għall-eredi) ta' l-eredità, li għandu biss tlett xhur mill-apertura tas-suċċessjoni jew "a die scientiae" tagħha (art. 922) salvi l-pro-

roghi għall-inventarju (art. 923) u ż-żmien ta' erbgħin ġurnata għad-dikjarazzjoni ta' l-aċċettazzjoni (art. 924);

(b) l-eredi li ma jkollux il-pussess reali fuq imsemmi u ma jkunx ingerixxa fl-eredità u li tiġi proposta xi istanza kontra tiegħu, li għalih it-terminu irid jiġi mpost mill-Qorti (art. 925(1) );

(c) l-eredi li mhux biss ma jkunx ħa l-pussess fuq imsemmi u ma jkunx indaħal fil-wirt imma wkoll li ma tkunx ġiet proposta ebda istanza kontra tiegħu, f'liema każ il-perijodu għall-formalitajiet in kwistjoni jestendi għall-perijodu preskrittiv tal-aċċettazzjoni tal-wirt, li fil-każ li l-eredità tkun vakanti huwa ta' tletin sena (art. 925(2), 900 Kodiċi Ċivili);

Illi l-Qorti m'għandhiex dubju li l-każ preżenti jaqa' taħt it-tielet ipotesi, għax għar-rigward ta' l-ewwel ipotesi, ebda prova ma saret li ulied Carmelo Olivieri jinsabu fil-pussess reali tal-beni komponenti l-eredità, jew li indaħlu fiha, u, għar-rigward tat-tieni ipotesi, ebda prova ma saret li xi istanza ġiet proposta kontra tagħhom fil-kwalità ta' eredi, u ċertament dik l-istanza mhijiex kostitwita minn din il-kawża stess għax il-konvenut f'din il-kawża, apparti minn Marianna Spiteri, hija l-eredità vakanti u mhux huma. Din id-distinzjoni ġiet rikonoxxuta fuq l-iskorta tad-dottrina u ġurisprudenza taljana hemm ċitata, anke fis-sentenza tal-Onor. Qorti ta' l-Appell fuq imsemmija. Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara li t-tfal ta' Carmelo Olivieri għadhom fil-perijodu utili għall-formazzjoni ta' l-inventarju u għad-deliberazzjoni jekk għandhomx jaċċettaw il-wirt u konsegwentement huma l-kuraturi "de jure" tal-wirt in kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Illi, apparti mill-punt fuq imsemmi, id-difensur ta' l-at-

triċi qanqal il-kwistjoni jekk is-sentenza tal-On. Qorti ta' l-Appell fuq ċitata tapplikax meta s-suċċessibili jkunu msifrin, għax allura xorta jridu jiġu nominati kuraturi biex jirrappreżentawhom. L-ewwelnett għandu jiġi osservat li l-kwistjoni mhijiex jekk din is-sentenza tapplikax jew le, imma jekk tapplikax għas-suċċessibili assenti l-liġi kif toħroġ mill-konfront tad-dispożizzjonijiet ta' l-art. 927 u 944 tal-Kodiċi Ċivili u ta' l-art. 928 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax dik is-sentenza ma tolqot ebda prinċipju ġdid ta' liġi iżda biss interpretat sew, wara żmien ta' ekwivoku fil-prattika forensi, l-liġi ġja esistenti. Kwantu għall-inkonvenjent tan-nomina tal-kuraturi biex jirrappreżentaw il-kuraturi "de jure" assenti mill-pajjiż dana ma jġib ebda tfixkil, anzi huwa proċedura faċili, u fuq kollox huwa legalment l-uniku kors li jista' jiġi legalment segwit, għax l-importanti huwa mhux li jiġi evitat xi inkonvenjent proċedurali imma li jiġi stabilit sew il-leġittimu kontradittur fil-kawża, li hija l-eredità ġjaċenti, u l-eredi msejħin mill-liġi ma għandhom taħt ebda ċirkostanza, lanqas jekk ikunu minuri (vide sentenzi rapportati fil-Fadda u riferiti fl-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tagħna) u "multo magis" jekk sempliċement assenti, jiġu pprivati mid-dritt li jirrappreżentaw lil dik l-eredità anke permezz ta' kuraturi tagħhom fil-każ li jkunu assenti, ħlief fil-każ tal-kontumaċja imsemmija fl-art. 927(3) tal-Kodiċi Ċivili li, fost ħwejjeġ oħra, timponi fuq il-kuratur ta' l-eredità ġjaċenti (kompriż, fil-fehma tal-Qorti, minħabba l-illasjoni li toħroġ mill-konfront mal-art. 946 ta' l-istess Kodiċi, il-kuratur "de jure" taħt l-art. 927 l-obbligu li qabel xejn, ilesti l-inventarju, għax il-kuratur "de jure" sakemm ma jkunx impossessa ruħu materjalment mill-beni tal-eredità jew indaħal fiha, kif fuq intqal, għandu ż-żmien kollu ta' tletin sena fuq imsemmi biex ilesti l-inventarju, għalkemm huwa dejjem ferm desiderabbli li huwa juri sollecitudini ikbar. Għalhekk il-Qorti tiddikjara li t-tfal ta' Carmelo Olivieri baqgħu il-kuraturi "de jure" ta' l-eredità ġjaċenti tiegħu nonostante il-lontananza tagħhom

minn dawn il-Gżejjer.

Ikkunsidrat:

Illi d-difensur ta' l-attriċi ssolleva kwistjoni oħra proċedurali, u din tirrigwarda l-punt jekk fin-nuqqas ta' kuraturi biex iqanqlu l-eċċezzjoni hawn sotto eżami l-istess eċċezzjoni setgħatx tiġi opposta mill-konvenuta Marianna Spiteri. Hawnhekk il-Qorti ma jidhriliex li tapplika l-massima "quando actus nullus est favore alicuius nullus intelligitur si ipse velit", massima rrikonoxxuta biss fuq settur speċjali — almenu għal dak li jirrigwarda l-atti proċesswali — mill-liġi ta' Malta (art. 790(2)(3) Kod. Proċ. Ċiv.) għaliex kif tajjeb issottometta d-difensur tal-konvenuta Spiteri, kull parti għandha interess li tassigura li l-atti huma tajbin, u anke fil-kamp tan-nullitajiet proċedurali previsti mid-disposizzjoni fuq imsemmija, għal-kemm dawn in-nullitajiet huma relativi dan ma jfissirx li l-konvenut ma jistax jeċċepixxi l-istat tal-irregolarità, per eżempju, l-mara miżżewġa attriċi (Kol. Vol. XXII, i, 55 u XXXI, i, 695). Wisq iżjed stante n-nuqqas ta' kwalunkwe disposizzjoni proċedurali li tirrestrinġi l-kamp ta' l-eċċepibilità tan-nullità in disamina, għandha għalhekk raġun il-konvenuta Spiteri tiġi 'l quddiem b'dina l-eċċezzjoni tan-nullità tan-nomina tal-kuraturi, għaliex hija għandha l-interess kollu tippretendi li l-eredità in kwistjoni tkun rappreżentata f'din il-kawża mill-leġittima rappreżentanti tagħha biex is-sentenza ma tkunx fil-futur impunjabbli taħt dan l-aspett. Il-fondatezza u l-interess ta' l-eċċezzjoni mbagħad jispikkaw iżjed meta wieħed jikkonsidra t-terminu taċ-ċitazzjoni stess li minnhom jirriżulta (domanda No. 6) li l-attriċi qegħda titlob li l-konvenuta Spiteri tiġi kundannata tirrifonda s-somma ta' £707 in parti lill-attriċi u in parti lill-kuraturi jew lil minnhom skond ma jirriżulta, u konsegwentement trid tassigura li l-kuraturi jkunu persuna leġittima għal dan l-iskop. Għalhekk il-Qorti tiddikjara li dina l-eċċezzjoni tista' tingħata anke mill-konve-

nuta Spiteri.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, previi d-dikjarazzjonijiet kontenuti fil-parti razjonali ta' din is-sentenza, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta Spiteri billi tiddikjara nulla n-nomina tal-kuraturi għall-eredità ġjaċenti ta' Carmelo Olivieri bid-digrieti tat-18 u tas-17 ta' Lulju, 1964, a fol: 19 tergo tal-proċess, u billi toħroġ lill-Avukat Dr Victor Caruana Colombo u Prokuratur Legali Joseph Gatt barra mill-kawża bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-imsemmija eredità f'din il-kawża u fl-atti li għandhom x'jaqsmu jew li jistgħu jiġu wara. L-ispejjeż dwar din id-deċiżjoni jitħallsu mill-attriċi u l-kawża tibqa' differita għat-18 ta' Mejju, 1965, għall-leġittimazzjoni ta' l-atti, jekk huwa l-każ, dwar ir-rappreżentanza ta' l-imsemmija eredità ġjaċenti, jew għal kull provvediment ieħor meħtieġ in vista tal-ħruġ mill-kawża tal-kuraturi fuq imsemmija.